MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru 791/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**v**

**Darren Galea ta’ 22 sena, iben Anthony**
**u Theresa nee Borg, imwieled Pieta‘ fl-24 ta‘ April,**
**1985,**
**residenti f’Eden House, Triq ta‘ Bieb it-Torri,**
**Msida, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru**
**236385 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Darren Galea li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'xi perjodu bejn Jannar 2006 u Awissu, 2006 ikkorrompa lil Danilo Bezzina, skrivan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) u minhabba dan, Danilo Bezzina naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 308, 310 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali tieghu li ghajr ghal ammenda hija netta.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena, taqbel li m'ghandux ibati piena karcerajra effettiva, rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames xhur sospizi ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------